MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 785/2003

**Commonwealth Educational Society Ltd ta' Nassau Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Etienne Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm192.96), bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-Prokuratur Legali Josette Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm192.96), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------